Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,373, 10 ta' Jannar, 2025
Taqsima B

A.L. 9 tal-2025

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2025 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2025 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni ippubblikati bħala Avviż Legali 221 tal-2024, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika mill-1 ta' Frar 2025 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (b) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) il-grad ta' Baċellerat miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri (Diviżjoni Ogħla) jew l-ekwivalenti f'qasam ta' studju relatat mal-qasam ta' riċerka propost, kif meqjus xieraq mill-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat."